

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16773/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0393 (COD)**

**SIMPL 210
ANTICI 214
ENV 1385
ENT 285
MI 1055
IND 615
COMPET 1343
STATIS 102
RECH 559
TELECOM 476
CODEC 2127**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 985 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fl-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 985 final.

Mehmuż: COM(2025) 985 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2025
COM(2025) 985 final

2025/0393 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti
għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-rapport *The Future of European Competitiveness* enfasizza li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari se tkun essenzjali biex jiġu żgurati l-prosperità ekonomika, ir-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tal-UE.³ Bil-Boxxla għall-Kompetittività għall-UE, il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija tagħha għall-5 snin li ġejjin biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' din it-tranzizzjoni¹.

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha twettaq l-objettivi ta' politika tagħha b'mod effiċjenti, effettiv u trasparenti. Il-Boxxla għall-Kompetittività tippromwovi t-tfassil responsabbli tal-liġijiet, filwaqt li tħabbar sforzi bla preċedent għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni biex terġa' tingħata spinta lill-kompetittività tan-negozji Ewropej. Barra minn hekk, minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni saħħet il-miri biex tnaqqas il-kostijiet amministrattivi għan-negozji (flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi) u għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju b'25 % u b'35 % rispettivament (¹).

Id-Direttiva 2007/2/KE² (id-Direttiva INSPIRE) ġiet adottata biex tinholq l-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-Ewropa li tippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġeografika ambjentali fost l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ġeografika madwar l-Ewropa. Id-Direttiva INSPIRE kienet kruċjali biex jingħelbu l-ostakli bħad-data nieqsa jew deskritta ħażin, l-infrastrutturi iżolati tad-data ġeografika, l-ostakli għall-kondiviżjoni, l-isforzi duplikati, u wisq formati, sabiex il-mapep u d-data ta' lokalizzazzjoni jkunu jistgħu jinstabu faċilment, jiġu kondiviżi u jintużaw madwar l-Ewropa.

L-aktar evalwazzjoni riċenti li tlestiet fl-2022³ ikkonfermat li filwaqt li l-objettivi tad-Direttiva għadhom rilevanti ħafna, il-qafas legali jista' jiġi ssimplifikat u jsir aktar effettiv.

Din il-proposta tfittex li timmodernizza u tissimplifika d-Direttiva INSPIRE billi tneħħi r-rekwiżiti tekniċi għad-data u għall-kondiviżjoni tad-data u tallinja l-obbligi tagħha ma' leġiżlazzjoni orizzontali aktar reċenti tal-UE dwar id-data. Dan se jiżgura l-koerenza legali, inaqqas id-duplikazzjoni u l-piż fuq l-Istati Membri, filwaqt li jippreserva l-objettivi tad-Direttiva li tiżgura l-aċċessibilità, il-kwalità u l-interoperabbiltà tad-data ġeografika ambjentali. Dan l-approċċ huwa konformi mal-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020⁴ u mal-Istrateġija għall-Unjoni tad-Data⁵ tal-2025 f'termini tal-iżgurar ta' qafas ta' politika globali

¹ COM(2025) 47 final tal-11 ta' Frar 2025, Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni.

² Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Evalwazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (SWD/2022/0195 final).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għad-data (COM/2020/66 final).

⁵ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Strateġija tal-Unjoni tad-Data – Niftha l-biben tad-data għall-intelliġenza artifiċjali (COM/2025/835 final).

għall-ekonomija aġili mil-lat ta' data u tal-evitar tal-frammentazzjoni tas-suq intern. L-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020⁶ ħabbret l-inizjattiva “GreenData4All”, li għandha l-objettiv li timmodernizza d-Direttiva INSPIRE f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi u l-opportunitajiet ta' innovazzjoni, bil-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u newtrali għall-karbonju, u tnaqqas il-piż amministrattiv.

Il-leġislazzjoni orizzontali tal-UE dwar id-data tirregola l-aċċess għall-użu mill-ġdid, l-interoperabbiltà u l-governanza tad-data tas-settur pubbliku b'mod koerenti u teknoloġikament avanzat. Din tinkludi d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Direttiva dwar id-Data Miftuħa)⁷ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138 (Settijiet ta' Data ta' Valur Għoli)⁸, ir-Regolament (UE) 2022/868 (Att dwar il-Governanza tad-Data)⁹, u r-Regolament (UE) 2024/903 (Att dwar l-Ewropa interoperabbli¹⁰). Il-leġislazzjoni orizzontali tal-UE dwar id-data tintroduċi prinċipji miftuħa b'mod awtomatiku, metadata strutturata, interfaċċi obligatorji għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs, Application Programming Interfaces) u fejn rilevanti bħala formati ta' tniżżil massiv għal settijiet ta' data ta' valur għoli, kif ukoll mudell ta' governanza razzjonalizzat u komuni għall-użu transfruntier tad-data.

B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva dwar id-data miftuħa tistabbilixxi, fl-Artikolu 1(7), li dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE.

Barra minn hekk, l-objettiv tal-UE li jinħolqu Spazji Komuni Ewropej tad-Data, stabbilit fl-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020, jinkludi Spazju dedikat tad-Data tal-Patt Ekoloġiku biex jappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew; dan jeħtieġ li jtkissru s-silos tad-data u li jiġi żgurat li d-data ambjentali rilevanti kollha — ġeografika u mhux ġeografika — tkun tista' tiċċirkola liberament biex tinforma l-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji u fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Is-simplifikazzjoni proposta tad-Direttiva INSPIRE, bħala parti mill-pakkett omnibus dwar is-simplifikazzjoni ambjentali, tikkostitwixxi l-komponent legali tal-inizjattiva GreenData4All. Dan se jiġi appoġġat minn azzjonijiet mhux leġislattivi u minn għodod prattiċi biex jiġi appoġġat l-użu intelliġenti u effiċjenti tad-data ambjentali madwar l-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-emendi proposti se jallinjaw id-Direttiva INSPIRE mal-leġislazzjoni tal-UE li tirregola d-data tas-settur pubbliku. B'mod partikolari, id-Direttiva (UE) 2019/1024 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/903, introduċew rekwiżiti għad-disponibbiltà bla ħlas u miftuħa ta' data, inklużi l-APIs, għal settijiet ta' data ewlenin f'kategoriji bħad-data ġeospazjali u ambjentali. B'mod partikolari, is-settijiet ta' data ta' valur għoli ddefiniti fl-ambitu ta' dak il-qafas intgħażlu biex jaqblu mas-settijiet ta' data diġà koperti mid-Direttiva INSPIRE.

⁶

⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet ta' data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tagħhom (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1–44).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024).

Il-proposta għal Omnibus Digitali¹¹ tinkludi r-regoli konsolidati u razzjonalizzati tar-Regolament (UE) 2024/1689 (ir-Regolament dwar il-Fluss Liberu tad-Data), ir-Regolament (UE) 2022/868 (l-Att dwar il-Governanza tad-Data) u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa) fir-Regolament (UE) 2023/2854 (l-Att dwar id-Data), li joħolqu strument konsolidat uniku għall-ekonomija tad-data tal-Ewropa. Ir-Regolament (UE) 2024/1689 (ir-Regolament dwar il-Fluss Liberu tad-Data), id-Direttiva (UE) 2019/1024 (id-Direttiva dwar id-data miftuħa) u r-Regolament (UE) 2022/868 (l-Att dwar il-Governanza tad-Data) se jitħassru. Għalhekk, dik il-konsolidazzjoni taffettwa r-referenzi f'din il-proposta għas-simplifikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE, iżda ma hijiex affettwata b'xi mod ieħor mill-proposta għal Omnibus Diġitali, għax il-Kummissjoni ma pproponietx bidliet sostantivi rilevanti għas-soluzzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar id-data miftuħa.

Id-Direttiva INSPIRE tipprovdi qafas komuni u standards tekniċi meħtieġa għall-kondiviżjoni u għall-integrazzjoni tad-data ġeografika bejn is-setturi u l-fruntieri għar-rapportar, għall-implimentazzjoni tal-politika u għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Ir-Regolament (UE) 2019/1010 jallinja l-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni ambjentali u jipprovdi l-bażi għall-allinjament tal-mudelli tad-data ta' rapportar mal-ispeċifikazzjonijiet ta' INSPIRE¹².

L-applikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE ma hijiex rilevanti biss għall-politika ambjentali. Diversi biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE jirreferu għad-Direttiva INSPIRE, bħar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ (użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, (LULUCF, land-use, land-use change and forestry)), ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ (Politika Agrikola Komuni), ir-Regolament (UE) 2018/1091¹⁵ (statistika integrata tal-azjendi agrikoli), ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ (Programm Spazjali tal-Unjoni), id-Direttiva (UE)

¹¹ [Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti \(UE\) 2016/679, \(UE\) 2018/1724, \(UE\) 2018/1725, \(UE\) 2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE, \(UE\) 2022/2555 u \(UE\) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv diġitali, u li jħassar ir-Regolamenti \(UE\) 2018/1807, \(UE\) 2019/1150, \(UE\) 2022/868, u d-Direttiva \(UE\) 2019/1024 \(Omnibus Diġitali\), COM/2025/837 final.](#)

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1010/oj>.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-

2024/2881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE)¹⁷ (Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja), u r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura)¹⁸, biex tiġi żgurata l-koerenza, eż. fir-rigward ta' formati tekniċi, il-kompatibbiltà tal-proċeduri għat-trażmissjoni u l-ipproċessar ta' data u speċifikazzjonijiet tad-data, bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija kompletament konformi mal-politiki orizzontali tal-UE dwar id-data u l-aspetti diġitali, fir-rigward tal-promozzjoni ta' kondivizzjoni aktar faċli tad-data bejn is-setturi, u l-appoġġ għall-ħolqien ta' Spazji Komuni Ewropej tad-Data bħall-Ispazju tad-Data tal-Patt Ekoloġiku, bl-għan li d-data ambjentali ta' kwalità għolja, aċċessibbli u li tista' terġa' tintuża tkun disponibbli biex tixpruna l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u t-trasformazzjoni diġitali. Bit-tassir propost ta' rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-interoperabbiltà, għas-servizzi tan-network u għall-kondivizzjoni tad-data, il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2024/903 fir-rigward tal-għan li jitneħħew l-ostakli tekniċi u legali, jiġu promossi standards komuni, u li jiġi żgurat li d-data tas-settur pubbliku — inkluża data ġeospazjali u ambjentali — tkun tista' tiġi kondiviża, ikkombinata u użata mill-ġdid faċilment bejn il-fruntieri u s-setturi. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni proposta se toħloq flessibbiltà fl-implimentazzjoni li tippermetti l-adozzjoni ta' prattiki tajbin tal-komunità, bħall-Mekkaniżmi Minimi ta' Interoperabbiltà (MIMS, Minimum Interoperability Mechanisms) rikonoxxuti b'mod wiesa', żviluppata mill-komunità ta' Bliet Intelliġenti Miftuħa u Aġli¹⁹, li jippromwovu l-użu ta' standards minimi u flessibbli, pereżempju, l-APIs tal-web ħfief u mudelli komuni tad-data, biex tinkiseb interoperabbiltà transfruntiera tad-data ġeospazjali.

Il-miżuri proposti biex tiġi ssimplifikata d-Direttiva INSPIRE huma konsistenti mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138 minħabba li se jiġi żgurat li d-data ġeospazjali u ambjentali tkun magħmula disponibbli bħala data miftuħa, bl-użu ta' standards komuni, APIs, u liċenzji miftuħa, u b'hekk tiġi minimizzata d-duplikazzjoni, jitnaqqsu l-piżijiet għall-fornituri tad-data, u jiġu massimizzati l-aċċessibbiltà u l-użu mill-ġdid għall-utenti kollha permezz ta' data.europa.eu. Għalhekk qiegħed jiġi propost ukoll li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportel Inspire.

Barra minn hekk, il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2022/868 li jiffaċilita l-kondivizzjoni usa' tad-data tas-settur pubbliku (inkluża d-data mhux ippubblikata b'mod miftuħ) permezz ta' intermedjarji fdati u spazji komuni tad-data, billi tiżgura li s-settijiet tad-data ġeografika jistgħu jiġu kondiviżi skont kundizzjonijiet ċari u permezz ta' soluzzjonijiet interoperabbli tas-servizzi.

Fil-qosor, din il-proposta tallinja d-Direttiva INSPIRE mal-politika tad-data tal-UE orizzontali, li tiffaċilita l-użu mill-ġdid tad-data miftuħa b'mod awtomatiku, l-interoperabbiltà, u l-iżvilupp ta' servizzi xprunati mid-data fis-setturi kollha.

Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

¹⁷ Id-Direttiva 2024/2881/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2024 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L, 2024/2881, 20.11.2024).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024).

¹⁹ [Y-MIM Standard for Global Smart City Interoperability | Il-portal Ewropa Interoperabbli](#)

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali għad-Direttiva INSPIRE hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 192(1) jipprovdi l-bażi legali għal miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent inkluż l-użu ta' data disponibbli biex tiġi infurmata t-tnejja tal-politika ambjentali.

Id-dispożizzjonijiet u l-emendi legali ewlenin

Il-proposta hija Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE.

Id-Direttiva INSPIRE ma tippreskrivix kundizzjonijiet uniformi ta' liċenzjar miftuħ jew tariffarji, li jirriżultaw f'kundizzjonijiet ta' użu mill-ġdid inkonsistenti madwar l-Istati Membri. Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-obbligi għall-Istati Membri li jstabilixxu servizzi speċifiċi tan-network, inklużi s-sejbien, il-viżjoni, it-tniżżil u t-trasformazzjoni, jiġu sostitwiti b'referenza għad-dispożizzjonijiet paralleli fid-Direttiva (UE) 2019/1024 biex jiġi żgurat li d-data ġeografika tkun awtomatikament miftuħa għall-użu mill-ġdid taħt kundizzjonijiet armonizzati.

Qiegħed jiġi propost li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera ġeoportal. Minflok, l-aċċess għad-data ġeografika se jsir disponibbli permezz tal-portal tad-data miftuħa tal-UE (data.europa.eu), li jservi bħala l-punt ċentrali ta' aċċess għad-data pubblika Ewropea.

L-obbligi għall-ħolqien tal-metadata u għas-sejbien tad-data stabbiliti fid-Direttiva INSPIRE fil-Kapitolu II għadhom adegwati għall-użu tagħhom u jippermettu funzjonalità ta' trasferiment tal-metadata u ta' sejbien mill-ġeoportal INSPIRE jew mill-ġeoportali nazzjonali jew subnazzjonali għal data.europa.eu.

Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv, qiegħed jiġi propost li jitħassru r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 21. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138, f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jinkludi lista ta' settijiet ta' data li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni ta' kull sett ta' data ta' valur għoli fl-Anness ta' dak ir-Regolament, li tinkludi 33 minn 34 sett ta' data tal-INSPIRE, u b'referenza online għall-metadata li jsegwu standards eżistenti, bħal reġistru uniku jew katalogu ta' data miftuħa. Għalhekk, ma għadux meħtieġ li r-rekwiżiti ta' rapportar fid-Direttiva 2007/2/KE jinżammu.

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabilixxi li d-data hija miftuħa b'mod awtomatiku li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta' data ġeografika ddefiniti skont id-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, qiegħed jiġi propost li titħassar id-dispożizzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data fid-Direttiva INSPIRE. Il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, bħas-sigurtà nazzjonali jew id-data personali, huma definiti b'mod ċar ukoll fid-Direttiva (UE) 2019/1024, fid-Direttiva 2003/4/KE²⁰ u fir-Regolament (UE) 2022/868. Għalhekk, il-proposta tissimplifika l-qafas legali mingħajr ma ddgħajef l-obbligi dwar il-kondiviżjoni tad-data ġeografika bejn l-awtoritajiet pubbliċi.

²⁰ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

Barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-emendi stabbiliti hawn fuq fir-rigward tas-servizzi tan-network, l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tad-data, qiegħed jiġi propost li jitħassru l-atti ta' implimentazzjoni relatati li ġejjin, permezz tal-proċedura applikabbli, u li jitħassru s-setgħat korrispondenti:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 fir-rigward tas-Servizzi tan-Network²¹
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 dwar l-interoperabbiltà tas-settijiet ta' data u servizzi ġeografiċi²², u
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 dwar il-kondiviżjoni tad-data u tas-servizzi²³.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1372 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rapportar²⁴.

• **Sussidjarjetà**

L-obbligu li tiġi stabbilita Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fl-Ewropa, li tibni fuq infrastrutturi stabbiliti u operati mill-Istati Membri, huwa impost mid-dritt tal-UE. Għalhekk, l-aħjar li s-simplifikazzjoni tal-obbligi relatati ssir fil-livell tal-UE biex jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-konsistenza legali. Dan se jiżgura ċarezza għall-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE, li se jibbenefikaw mir-rekwiżiti ssimplifikati li jirriżultaw minn din il-proposta.

Infrastruttura tad-data ġeografika għall-politika u għall-politiki jew għall-attivitajiet ambjentali li għandhom impatt fuq l-ambjent għandha dimensjoni transfruntiera u pan-Ewropea intrinsika. L-Istati Membri individwali ma jistgħux jiżguraw b'mod adegwat l-interoperabbiltà u l-aċċess għad-data ġeografika għal skopijiet madwar l-UE kollha.

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġġustifikata biex tissimplifika u tikkonsolida qafas interoperabbli komuni għad-data ġeografika. Il-proposta ma tikkonċernax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw l-infrastrutturi tad-data interna tagħhom, diment li jintlaħqu l-oġettivi komuni (id-disponibbiltà miftuħa u l-interoperabbiltà ta' ċerti settijiet ta' data ġeografika).

• **Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-qafas legali billi tintroduċi bidliet għar-rekwiżiti eżistenti li jfittxu li jnaqqsu l-piż billi jitħassru jew jiġu emendati dispożizzjonijiet li wrew li kienu preskrittivi jew duplikati żżejjed u li ma jaffettwawx is-sustanza tal-oġettiv politiku usa' kif ukoll billi jallinjaw mad-Direttiva 2019/1024 u mar-Regolament 2023/138. Għalhekk,

²¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Network (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9).

²² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' data u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11).

²³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30/03/2010, p. 8).

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2019/1372/KE tad-19 ta' Awwissu 2019 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u r-rapportar: ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/1372/oj

il-proposta hija limitata għal dawk il-bidliet li huma meħtieġa biex jiġu żgurati implimentazzjoni, simplifikazzjoni u allinjament effiċjenti mal-leġiżlazzjoni orizzontali dwar id-data.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-2022²⁵ tad-Direttiva INSPIRE sabet li din avvanzat b'mod sinifikanti l-kondiviżjoni tad-data ġeografika mill-2007, u ħolqot effiċjenzi permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji FAIR u rawmet l-interoperabbiltà madwar l-UE kollha. Il-valur miżjud ewlieni tad-Direttiva nstab li qiegħed fil-promozzjoni tal-kondiviżjoni tad-data bħala norma, fl-istabbiliment ta' strutturi ta' governanza, fl-isfruttar tad-data tas-settur pubbliku, fit-titjib tat-trasparenza, u fil-bini ta' għarfien espert fil-livell tal-UE. Instab li kien partikolarment rilevanti għall-appoġġ tal-ispazju tad-data tal-Patt Ekoloġiku, l-istrateġiji ambjentali, u d-demokrazija ambjentali permezz ta' trasparenza akbar.

Madankollu, għad baqa' sfidi. L-implimentazzjoni għadha qed tiffaċċja ostakli tekniċi u organizzazzjonali, u l-interoperabbiltà hija l-aktar aspett għali. Il-qafas kurrenti jitqies dettaljat iżżejjed u mhux newtrali biżżejjed mil-lat teknoloġiku, u dan inaqqas il-flessibbiltà u l-kosteffettività. Is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u l-għoti ta' xi diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tad-data jżidu l-adattabilità u jgħinu biex tinżamm ir-rilevanza fid-dawl tal-bidla teknoloġika. Id-Direttiva INSPIRE waħedha ma tistax tiżgura l-użabilità transfruntiera u transsettorjali tad-data, li tirrikjedi sforz addizzjonali biex id-data ssir informazzjoni Prattika.

Id-Direttiva INSPIRE nstabet li hija koerenti b'mod wiesgħa mal-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, id-data miftuħa, u l-aċċess għall-informazzjoni, iżda s-sinerġiji bejn dawn l-oqfsa jistgħu jiġu ingranati aħjar biex jappoġġaw it-tixrid attiv tad-data ambjentali. Il-kostijiet tal-implimentazzjoni huma fil-biċċa l-kbira mġarrba mill-gvernijiet nazzjonali, bi ftit piż fuq l-utenti finali, u fejn twettqu analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji, ir-riżultati huma allinjati mal-aspettattivi mill-evalwazzjoni *ex ante* oriġinali.

B'mod ġenerali, instab li d-Direttiva INSPIRE tibqa' rilevanti ħafna biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-kondiviżjoni tad-data u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet futuri tad-data. Iżda biex tiżdied l-effettività tagħha, tkun meħtieġa l-modernizzazzjoni tal-qafas legali u implimentazzjoni Prattika mtejba.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

It-tnejn ta' din il-proposta ġiet influwenzata minn konsultazzjonijiet estensivi mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, mal-fornituri tad-data, mal-utenti tad-data, inklużi n-negożji u l-NGOs, u mal-pubbliku ġenerali. Il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, li saret mill-5 ta' Frar sat-30 ta' April 2025, kopriet kamp ta' applikazzjoni usa' minn din il-proposta ta' simplifikazzjoni, li tinkludi żewġ partijiet distinti: 1) taqsima ġenerali li tindirizza d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data ambjentali (375 risponent), u 2) taqsima aktar speċifika dwar is-simplifikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE (227 risponent). Din il-proposta tibbaża prinċipalment fuq l-eżiti tat-tieni parti tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa, iddedikata għas-simplifikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE.

²⁵ SWD(2022)195

375 risponent wiegħbu għall-ewwel parti tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa. L-awtoritajiet pubbliċi ffurmaw l-akbar grupp ta' risponenti (150), segwiti miċ-ċittadini tal-UE (113), mill-istituzzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka (40), mill-kumpaniji u min-negozji (27), mill-organizzazzjonijiet ambjentali (9), mill-assoċjazzjonijiet tan-negozju (8), mill-NGOs (7), miċ-ċittadini mhux tal-UE (6) u minn atturi oħra (15). L-awtoritajiet pubbliċi kienu prinċipalment korpi fil-livell nazzjonali, filwaqt li 250 risponent ġew għal organizzazzjonijiet b'aktar minn 250 impjegat.

Ir-risponenti indirizzaw id-data ambjentali fi rwoli multipli. Total ta' 258 identifikati bħala utenti tad-data, 195 bħala produttori, u 143 bħala ospitanti jew fornituri. Id-data ambjentali tintuża primarjament għar-riċerka u l-iżvilupp (188 tismija), l-għarfien pubbliku u l-edukazzjoni (185), l-ippjanar territorjali u ambjentali (183), it-tfassil tal-politika (170), il-konformità u r-rapportar (169), it-teħid ta' deċiżjonijiet kummerċjali (92), id-diliġenza dovuta korporattiva (76), u r-rapportar dwar is-sostenibbiltà (35). L-aktar tipi ta' data aċċessati inkludew l-użu tal-art u l-kopertura tal-art (258), id-data dwar il-klima u t-temp (209), il-kwalità u l-kwantità tal-ilma (181), il-biodiversità (181), l-idroloġija (171), il-forestrija (165), l-agrikoltura (160) u l-kwalità tal-ħamrija (153). L-aktar mod komuni biex id-data tiġi aċċessata huwa permezz tat-tniżżil ta' fajls ipproċessati (124), ta' servizzi ta' wiri (102), u ta' aċċess mhux ipproċessat/API (92).

227 risponent wiegħbu għat-tieni parti, b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE. Fir-rigward tal-allinjament bejn id-Direttiva INSPIRE u d-Direttiva (UE) 2019/1024, kien hemm qbil b'saħħtu li tali allinjament jippromwovi aċċessibbiltà u użu mill-ġdid usa' (133 qablu ħafna), jissimplifika r-regoli dwar il-kondiviżjoni tad-data (128), u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi (111). Dwar il-governanza, maġġoranza ċara appoġġat l-integrazzjoni tad-Direttiva INSPIRE taħt qafas ta' governanza komuni tal-UE marbut mal-leġiżlazzjoni orizzontali: kien hemm 76 li appoġġaw dan bis-siħ u 99 li appoġġawh, filwaqt li 22 biss kienu newtrali u 22 kienu kontra. Madankollu, ħafna enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-għarfien ġeospazjali espert, il-kwalità tad-data, u l-istandards tal-interoperabbiltà.

Ir-risponenti raw benefiċċji potenzjali fl-istandardizzazzjoni, fl-assigurazzjoni tal-kwalità u fl-iskalabbiltà permezz tal-APIs u s-servizzi tal-cloud. It-tħassib kien iċċentrat fuq it-trasparenza, il-governanza, ir-responsabbiltà, is-sigurtà, u l-ħtieġa li tiġi ppreservata s-sorveljanza pubblika u li tiġi evitata d-dipendenza fuq pjattaformi privati mhux trasparenti. Fir-rigward tal-valur kontinwu tad-Direttiva INSPIRE bħala strument awtonomu jekk ikun kompletament allinjat ma' leġiżlazzjoni orizzontali, l-opinjoni kienet mħallta. Filwaqt li 91 risponent qiesu li dan huwa ta' valur kbir jew pjuttost ta' valur, 62 raw valur limitat jew l-ebda valur, u 35 baqgħu inċerti.

25 hemża individwali ssupplimentaw il-konsultazzjoni, li 22 minnhom kienu rilevanti direttament. Dawn il-kontribuzzjonijiet enfasizzaw kwistjonijiet persistenti bħad-differenzi fl-użu u fl-aċċessibbiltà tal-portali tad-data, inkonsistenzi fil-kwalità tad-data, u ostakli għall-aċċess transfruntier. Ħafna kienu favur pjattaforma Ewropea federata u koerenti mibnija fuq nodi nazzjonali, u wisew kontra l-kummerċjalizzazzjoni jew paywalls. Ġew espressi opinjonijiet diverġenti dwar id-data ġġenerata miċ-ċittadini, b'appoġġ kontinġenti fuq oqfsa ċari ta' kwalità u ta' validazzjoni. Ir-risponenti enfasizzaw ukoll l-importanza tal-finanzjament, il-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambji siguri, u ż-żamma tal-koerenza ġeospazjali fi ħdan leġiżlazzjoni usa' tal-UE dwar id-data, bħad-Direttiva (UE) 2019/1024 u r-Regolament (UE) 2024/903.

Esperti tal-Istati Membri, permezz tal-Grupp ta' Manutenzjoni u Implimentazzjoni (MIG, Maintenance and Implementation Group) ta' INSPIRE, kienu involuti mill-qrib permezz ta'

diversi workshops bejn l-2022 u l-2025. Il-Konferenza tal-2023 dwar INSPIRE (parteċipazzjoni ta' 280 persuna b'mod fiżiku u ta' 800 b'mod virtwali, li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet pubbliċi, lin-negozji u lid-dinja akkademika) iddiskutiet ukoll l-evoluzzjoni possibbli tad-Direttiva INSPIRE. Konxji mill-investimenti li diġà saru f'termini ta' implimentazzjoni, kien hemm qbil wiesa' li r-rekwiżiti legali tad-Direttiva ma għandhomx jissakkru f'teknoloġiji skaduti jew iwasslu għal duplikazzjoni tal-isforzi. Xi Stati Membri diġà għamlu xi testijiet bl-użu tal-portal tad-data miftuħa tagħhom biex jissodisfaw l-obbligi ta' sejbien ta' INSPIRE, u wrew il-fattibbiltà. Il-fornituri tad-data spiss jiffaċċjaw restrizzjonijiet tal-kapaċità u għeja minħabba obbligi li jikkoinċidu. L-MIG tenna r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika miftuħa biex tinżamm bażi leġislattiva għad-data ta' referenza ġeospazjali, filwaqt li żgura standardizzazzjoni fit-tul, b'enfasi fuq in-nuqqas ta' tfixkil ta' dak li jkun qed jaħdem sew, speċjalment fir-rigward tal-istandards tal-metadata.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Matul it-tnejn tal-proposta, il-Kummissjoni għamlet użu minn għarfien espert estern fil-forma ta' studju ta' sostenn. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) ipprova analiżi multidixxiplinari dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva INSPIRE u direzzjonijiet futuri possibbli²⁶²⁷. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-evalwazzjoni tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT, Regulatory Fitness and Performance Programme) tal-2016 tad-Direttiva INSPIRE²⁸ kif ukoll l-evalwazzjoni tal-2022²⁹, li kien fiha evidenza dettaljata ta' x'jaħdem u x'ma jaħdimx. L-evalwazzjoni kkwantifikat l-użu baxx ta' xi servizzi ta' INSPIRE u rrakkomandat l-integrazzjoni mal-leġislazzjoni orizzontali dwar id-data.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tikkonċerna emendi mmirati biex tiġi mmodernizzata u ssimplifikata d-Direttiva INSPIRE billi tiġi allinjata mal-obbligi stabbiliti f'leġislazzjoni tal-UE aktar reċenti u orizzontali dwar id-data. Il-bidliet għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni aktar effiċjenti, effettiva u inqas ta' piż. Minħabba n-natura mmirata tal-bidliet, u n-nuqqas ta' opzjonijiet ta' politika rilevanti, valutazzjoni tal-impatt ma hijiex meħtieġa. Madankollu, id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta jinkludi l-kwantifikazzjoni tal-iffrankar mistenni kif ukoll informazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-livell tal-UE f'forma aktar aġli u inqas ta' piż.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Fil-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni tiżgura li l-leġislazzjoni tagħha tkun adegwata għall-użu, immirata lejn il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati u timminimizza l-piżijiet filwaqt li tilħaq l-oġettivi tagħha.

Din il-proposta tiffirma parti mir-REFIT, billi twieġeb għas-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-2022 tad-Direttiva INSPIRE, li identifikat oqsma ta' piż amministrattiv eċċessiv u rekwiżiti tekniċi preskrittivi żżejjed. Il-proposta tissimplifika l-qafas legali billi tħassar l-obbligi li issa huma indirizzati permezz ta' leġislazzjoni orizzontali tal-UE aktar reċenti dwar id-data,

²⁶ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126319>

²⁷ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC139026>

²⁸ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva INSPIRE (SWD(2016) 273)

²⁹ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

speċifikament, id-Direttiva (UE) 2019/1024, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138, ir-Regolament (UE) 2022/868 u r-Regolament (UE) 2024/903.

B'mod partikolari, qiegħed jiġi propost li:

- Jitneħħew l-obbligi ta' rapportar duplikati, jitnaqqas l-ammont ta' xogħol ta' konformità għall-Istati Membri;
 - Jitneħħew erba' setgħat għall-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-interoperabbiltà, għas-servizzi tan-network, għall-kondiviżjoni tad-data u għar-rekwiżiti ta' rapportar li ma għadhomx jirriflettu l-aħjar prattiki jew standards kurrenti, u b'hekk jitneħħew ir-rekwiżiti tekniċi riġidi. L-erba' atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tas-setgħat se jitħassru bi proċedura ta' adozzjoni separata (komitoloġija).
 - L-integrazzjoni tal-aċċess għad-data ġeografika f'infrastruttura eżistenti oħra tal-UE, il-portal tad-data miftuħa (data.europa.eu), b'hekk jiġu ssimplifikati l-aċċess tal-utenti u l-manutenzjoni tas-sistema u jitneħħa l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera ġeoportal.
- **Impatt kwantifikat tat-tneħħija tal-obbligi**

L-emendi proposti se jkunu ta' benefiċċju għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-fornituri tad-data tas-settur pubbliku, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, in-negozji, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-SMEs, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-fornituri tad-data tas-settur pubbliku se jaraw tnaqqis fil-piż amministrattiv u konformità simplifikata, filwaqt li n-negozji u l-utenti tad-data se jgawdu minn aċċess imtejjeb għal data ambjentali ta' valur għoli permezz ta' liċenzjar miftuħ u APIs moderni.

Qiegħed jiġi propost perjodu ta' traspożizzjoni ta' 12-il xahar biex jippermetti lill-Istati Membri jadattaw l-infrastrutturi tagħhom u jżommu l-kontinwità tas-servizz matul il-migrazzjoni għall-qafas il-ġdid. L-iffrankar ikkombinat tal-kostijiet tal-UE mis-simplifikazzjoni proposta huwa mistenni li jkun sostanzjali. Il-kostijiet bażi annwali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva INSPIRE fl-EU-27 huma stmati għal EUR 4,967–48,926 miljun.

Is-simplifikazzjoni proposta hija mistennija li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'24–64 % meta mqabbla mal-linja bażi kurrenti. Il-livell inferjuri ta' 24 % jirrifletti l-istimi aktar konservattivi derivati mill-feedback tal-partijiet ikkonċernati matul il-workshop ta' validazzjoni, li kopra valutazzjoni immedjata u pragmatika tal-impatt potenzjali. B'kuntrast ma' dan, il-livell superjuri ta' 64 % jikkorrispondi għat-tnaqqis fil-kostijiet identifikat permezz tax-xenarju ta' allinjament sħiħ mad-Direttiva (UE) 2019/1024

Dan jitqies li jirrappreżenta l-firxa realistika ta' ffrankar mistenni mis-simplifikazzjoni, b'mod partikolari dak l-iffrankar marbut mal-aġġornament annwali tas-settijiet ta' data armonizzati u t-tħaddim tas-servizzi tal-pubblikazzjoni u tal-web. Dan jissarraf f'iffrankar annwali ta' madwar EUR 6,36–16,96 miljun, abbażi tal-komponent tal-kost annwali medju għall-aġġornament u għaż-żamma ta' settijiet ta' data u servizzi taħt INSPIRE. Bħala medja fil-medda projettata, dan jikkorrispondi għal tnaqqis annwali tal-kostijiet amministrattivi ta' madwar 44 %, jew madwar EUR 11,66 miljun f'iffrankar annwali. Dan l-iffrankar jinkiseb bit-tneħħija tar-rekwiżiti kumplessi ta' armonizzazzjoni, bl-ingranaġġ ta' teknoloġiji ewlenin tal-web, u bil-konsolidazzjoni tal-infrastruttura.

- Drittijiet fundamentali

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-emendi proposti jikkonċernaw il-kondiviżjoni ta' data ġeografika tas-settur pubbliku (informazzjoni mhux personali, ambjentali u ġeografika) u ma jnvolvux l-ipproċessar ta' data personali jew kwalunkwe limitazzjoni fuq id-drittijiet tal-individwi. Id-Direttiva 2007/2/KE fil-forma kurrenti tagħha diġà fiha salvagwardji biex tiżgura li d-data personali u l-informazzjoni kunfidenzjali sensittiva jkunu protetti, pereżempju fl-Artikolu 13.

Bil-promozzjoni ta' data miftuħa u ta' trasparenza, il-proposta hija konsistenti mal-Artikolu 42 tal-Karta (id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti) u mal-Artikolu 37 (il-protezzjoni ambjentali) li b'mod impliċitu jappoġġa l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali. Iċ-ċittadini se jibqgħu jkollhom tal-anqas l-istess aċċess għal informazzjoni ambjentali ġeografika bħal qabel. Il-proposta ma taffettwax id-drittijiet għall-privatezza jew għall-protezzjoni tad-data minħabba li kwalunkwe data personali (eż. l-ismijiet tas-sidien tal-proprjetà f'katast) hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva INSPIRE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

M/A

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Pjan ta' Implimentazzjoni

M/A

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Meta wieħed iqis il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, ma huwiex iġġustifikat jew proporzjonali li jintalbu dokumenti ta' spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tinkludi:

- It-tħassir tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà, filwaqt li jitqies li l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid tad-dokumenti eżistenti miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi d-dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. (Artikolu 7).
- It-tħassir tar-rekwiżiti tekniċi fir-rigward tas-servizzi tan-network, filwaqt li jitqies li l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u minn impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE (l-Artikolu 11).
- It-tħassir tar-rekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi li d-data hija miftuħa b'mod awtomatiku li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet tad-data ġeografika definiti skont id-Direttiva 2007/2/KE.

- It-tħassir tal-kundizzjonijiet għall-awtoritajiet pubbliċi biex japplikaw tariffi għal settijiet ta' data ġeografika, filwaqt li jitqies li l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u minn impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE, inklużi prinċipji u regoli li jirregolaw it-tariffi (l-Artikolu 14).
- It-tħassir tar-rekwiżit fuq il-Kummissjoni li tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE (l-Artikolu 15).
- It-tħassir tar-rekwiżiti ta' rapportar, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni peress li l-Istati Membri huma obbligati jwettqu monitoraġġ u rapportar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva INSPIRE bl-obbligu stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138 (l-Artikolu 21).
- Aġġornament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju fir-rigward tal-adattament tal-Annessi I, II u III (l-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 22a l-ġdid).
- Aġġornament tad-dispożizzjoni dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni fl-Artikolu 5(4) biex tiġi sostitwita r-referenza għall-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE b'referenza għall-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (l-Artikolu 22b il-ġdid)
- It-tħassir ta' dispożizzjonijiet obsoleti, fejn ikun skada perjodu ta' żmien, jew ta' definizzjonijiet obsoleti.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³⁰,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-linji gwida politiċi għall-mandat tal-Kummissjoni għall-2024–2029³² jindikaw l-għan li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni biex tiġi eliminata kwalunkwe duplikazzjoni u kontradizzjoni filwaqt li jinżammu standards għoljin u tinżamm it-triq it-tajba lejn l-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew³³.
- (2) B'reazzjoni għar-rapport ta' Draghi tal-2024³⁴, li jindika ostakli regolatorji u piż amministrattivi bħala waħda mill-isfidi ewlenin, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-Boxxla għall-Kompetittività tidentifika sett ta' faċilitaturi orizzontali biex isostni l-kompetittività inkluż is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, it-³⁵tnaqqis tal-piż u l-iffaċilitar tal-veloċità u l-flessibilità.

³⁰ ĠU C , , p .

³¹ ĠU C , , p .

³² L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen

³³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

³⁴ Draghi, M. (2024) *The future of European competitiveness*. Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

³⁵ COM(2025) 47 final tal-11 ta' Frar 2025, Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni.

- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Novembru 2025 intitolata "Strateġija tal-Unjoni tad-Data – Niftħu l-bibien tad-data għall-intelliġenza artifiċjali",³⁶ il-Kummissjoni stabbiliet il-viżjoni tagħha għall-unjoni tad-data, inkluż għat-titjib tal-kondiviżjoni tad-data tas-settur pubbliku. Dik l-aġenda teħtieġ aktar minn approċċ inkrementali u l-Unjoni trid tiegħu azzjoni kuraġġuża biex tilħaq l-għanijiet tagħha. Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-livelli kollha u l-partijiet ikkonċernati jridu jaħdmu id f'id biex jirrazzjonalizzaw u jissimplifikaw ir-regoli tal-UE, dawk nazzjonali u dawk reġjonali u biex jimplimentaw il-politiki b'mod aktar effettiv.
- (4) Fil-kuntest tal-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet tar-rapportar u l-kostijiet tal-konformità, tavvanza l-interoperabbiltà, u ttejjeb il-kompetittività, jeħtieġ tiġi emendata d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, filwaqt li jinżammu l-oġġettivi ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli³⁸.
- (5) Id-Direttiva 2007/2/KE fiha ċerti definizzjonijiet li se jsiru obsoleti bħala konsegwenza tal-emendi proposti. Dawk id-definizzjonijiet jenħtieġ li jitħassru.
- (6) Id-Direttiva 2007/2/KE fiha referenza għal partijiet terzi, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2019/1024, li tapplika għal korpi tas-settur pubbliku u għal impriżi pubbliċi, ma tkoprix entitajiet jew negozji privati. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024³⁹, ir-referenza għal partijiet terzi jenħtieġ li titħassar.
- (7) Il-perjodi ta' żmien għall-ħolqien tal-metadata u għall-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika huma obsoleti u jenħtieġ li jitħassru.
- (8) L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2007/2/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' data ġeografika. Huma jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet għal dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni u l-kontenut tagħhom. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jistabbilixxi li l-korpi tas-settur pubbliku u l-impriżi pubbliċi jridu jagħmlu d-dokumenti tagħhom disponibbli fi kwalunkwe format jew lingwa pre-eżistenti, u fejn possibbli u xieraq, b'mezzi elettroniċi, f'formati li jkunu miftuħin, li jinqraw mill-magni, aċċessibbli u li jistgħu jinstabu u jerġgħu jintużaw, flimkien mal-metadata tagħhom. Kemm il-format kif ukoll il-metadata għandhom, fejn possibbli, jikkonformaw mal-istandards miftuħa formali. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva

³⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Frar 2025, "Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni" (COM/2025/47 final).

³⁷ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), ĠU L 108, 25/04/2007, p. 1.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Marzu 2018, Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir sostenibbli, COM/2018/097 final.

³⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).

2007/2/KE. Peress li r-rekwiżiti tal-interoperabbiltà għad-data miftuħa japplikaw għad-data ġeografika, jenħtieġ li titħassar is-setgħa li jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, fejn ikun prattikabbli, l-armonizzazzjoni tas-settijiet tad-data ġeografika u d-dispożizzjonijiet relatati.

- (9) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifika li l-Istati Membri jridu jagħmlu disponibbli l-informazzjoni meħtieġa biex id-data ġeografika ssir interoperabbli, inklużi l-kodiċijiet u l-klassifikazzjonijiet, u jstabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex tiġi żgurata l-koerenza tad-data ġeografika relatata ma' karatteristika, li l-post tagħha jaqşam il-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar. Peress li l-Artikoli 7 u 8 qegħdin jiġu mħassra, ir-rekwiżiti għall-Istati Membri biex jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli u l-kundizzjonijiet biex tiġi żgurata l-koerenza tad-data ġeografika ma għadhomx meħtieġa.
- (10) L-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE jispeċifikaw li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u joperaw network ta' servizzi għas-sejbien, għall-wiri, għat-tniżżil, għat-trasformazzjoni u għall-użu ta' settijiet ta' data ġeografika, u jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet terzi jkunu jistgħu jorbtu s-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika tagħhom ma' dak in-network. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għal data miftuħa u tintroduċi l-kunċett ta' settijiet ta' data ta' valur għoli, definiti bħala data li hija assoċjata ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u għall-ekonomija meta terġa' tintuża, li tinkludi settijiet ta' data ġeografika. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, is-settijiet tad-data ta' valur għoli jridu jsiru disponibbli għall-użu mill-ġdid f'format li jinqara mill-magni, permezz ta' interfaċċi xierqa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u, fejn rilevanti, bħala tniżżil massiv. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit u operat network għas-servizzi tad-data ġeografika fid-Direttiva 2007/2/KE.
- (11) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi r-regoli biex is-servizzi ta' sejbien u ta' viżjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, kif ukoll biex is-servizzi tal-kummerċ elettroniku jsiru disponibbli meta jiġu imposti tariffi. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi prinċipji u regoli li jirregolaw it-tariffar biex id-dokumenti u s-settijiet ta' data ta' valur għoli jsiru disponibbli mingħajr ħlas, inklużi eċċezzjonijiet u derogi mir-regoli dwar it-tariffar, għall-fini li jiġi żgurat l-impatt massimu u biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tad-data. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, dik id-Direttiva tistipula li d-Direttiva tirregola l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku u impriżi pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi dokumenti li għalihom tapplika d-Direttiva 2007/2/KE. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu, jenħtieġ li jitħassru r-regoli dwar it-tariffar għas-servizzi ta' sejbien u ta' viżjoni fid-Direttiva 2007/2/KE.
- (12) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE. Dak il-portal ħadem bħala l-punt ta' aċċess ċentrali Ewropew għad-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-pajjiżi tal-EFTA skont id-Direttiva 2007/2/KE. Il-portal jippermetti l-monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-settijiet tad-data, is-sejbien ta' settijiet tad-data xierqa abbażi tad-deskrizzjonijiet tagħhom, u l-aċċess għal settijiet tad-data magħżula permezz tas-servizzi ta' viżjoni jew ta' tniżżil

tagħhom. Mill-2021, is-sit web data.europa.eu jaġixxi bħala punt ta' aċċess uniku għad-data miftuħa ppubblikata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni⁴⁰, fuq portali nazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-aċċess għal settijiet ta' data ġeografika u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jitħassar l-obbligu fuq il-Kummissjoni li topera l-ġeoportali INSPIRE.

- (13) L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi s-setgħa li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji minimi ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-network imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 ta' dik id-Direttiva. Peress li l-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2007/2/KE qed jitħassru, dik is-setgħa ma għadhiex meħtieġa.
- (14) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2007/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jaqgħmluha possibbli li d-data ġeografika miġbura f'livell wieħed ta' awtorità pubblika tiġi kondiviża bejn il-livelli differenti kollha tal-awtoritajiet pubbliċi u li jiżguraw li d-data u s-servizzi ġeografiċi jsiru disponibbli b'kundizzjonijiet li ma jillimitawx l-użu estensiv tagħhom. Skont id-Direttiva (UE) 2019/1024, id-data hija miftuħa b'mod awtomatiku, li tapplika wkoll għad-data ġeografika, inklużi s-settijiet ta' data ġeografika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, l-Artikolu 17 jenħtieġ li jitħassar għall-fini tas-simplifikazzjoni tal-qafas legali u l-evitar ta' regoli li jikkoinċidu.
- (15) L-Artikolu 21 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar għall-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u l-użu tal-infrastrutturi tagħhom għall-informazzjoni ġeografika. L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138⁴¹ jistabbilixxi lista ta' settijiet ta' data ta' valur għoli li jappartjenu għall-kategoriji tematiċi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/1024 u miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku. Dan jistabbilixxi wkoll l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid ta' settijiet ta' data ta' valur għoli bħal dawn. L-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni rapport dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/138, inkluż lista ta' settijiet ta' data li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni ta' kull data ta' valur għoli msemmija fl-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni b'referenza online għall-metadata li tippermetti standards eżistenti. Dak l-Anness, li jinkludi 33 mill-34 sett ta' data ġeografika stabbiliti fl-Annessi I, II u III tad-Direttiva 2007/2/KE. Għalhekk, ma għadux meħtieġ li r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2007/2/KE jinżammu.
- (16) It-Trattat ta' Liżbona mmodifika l-qafas legali li jirregola s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mil-leġiżlatur, billi introduċa distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni). Meta jiġu mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni

⁴⁰ Deċiżjoni minn April 2021?

⁴¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tal-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/138/oj).

lill-Kummissjoni, dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².

- (17) Din id-Direttiva adottata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona tagħti setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE⁴³.
- (18) Il-ħtieġa li l-leġislazzjoni eżistenti kollha tiġi allinjata mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Liżbona hija rikonoxxuta fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet⁴⁴.
- (19) Is-setgħa għall-Kummissjoni li temenda l-Annessi I, II u III tad-Direttiva 2007/2/KE sabiex tadatta d-deskrizzjoni tat-temi ta' data eżistenti msemmija f'dawk l-Annessi, li hija stabbilita fl-Artikolu 4(7) ta' dik id-Direttiva, tipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Peress li dik is-setgħa tissodisfa l-kriterji skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li din tiġi adattata għal dik id-dispożizzjoni.
- (20) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I sa III tad-Direttiva 2007/2/KE billi tadatta d-deskrizzjoni tat-temi eżistenti tad-data. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (21) Is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2007/27/KE, li hija stabbilita fil-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu, jenħtieġ li tiġi adattata għall-Artikolu 291 tat-TFUE.
- (22) L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2007/2/KE jistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni li tevalwa dik id-Direttiva, u jistabbilixxi l-elementi li abbażi tagħhom jenħtieġ li tkun ibbażata l-evalwazzjoni. Dawk l-elementi jenħtieġ li jiġu mmodifikati fid-dawl tal-allinjament mal-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar fir-Regolament (UE) 2023/138 u t-tħassir tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2007/2/KE.
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2007/2/KE tiġi emendata kif xieraq.
- (24) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010⁴⁵, (KE) Nru 976/2009⁴⁶ u (UE) Nru 268/2010⁴⁷ jenħtieġ li jitħassru qabel ma jitħassru s-setgħat rispettivi li abbażi

⁴² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁴³ [Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni](http://data.europa.eu/eli/dec/1999/468/oj) (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1999/468/oj>).

⁴⁴ [ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree/interinst/2016/512/oj).

⁴⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplementa d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' data u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1089/oj>

tagħhom ġew adottati. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni għat-tħassir ta' dawk is-setgħat tiġi differita.

- (25) Billi l-oġġettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi

Id-Direttiva 2007/2/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, jitħassru l-punti 5, 7, 8 u 10;
- (2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, jitħassar il-punt (c)(ii); (b) jitħassar il-paragrafu 5;
 - (b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22a sabiex temenda l-Annessi I, II u III billi tadatta d-deskrizzjoni tat-temi eżistenti tad-data fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi.”

- (3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
- (a) Fil-paragrafu 2, jitħassar il-punt (a).
 - (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u r-rekwiżiti tal-utenti rilevanti u eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-metadata ta' validazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22b(2)”;

- (4) L-Artikoli 6 sa 7 jitħassru.

⁴⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplementa d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Network (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/976/oj>.

⁴⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 268/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jimplementa d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika tal-Istati Membri mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji skont kundizzjonijiet armonizzati (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 8), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/268/oj>.

- (5) L-Artikolu 8 jitħassar.
- (6) L-Artikoli 9 sa 12 jitħassru.
- (7) L-Artikolu 13(1) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess pubbliku għal settijiet u servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa b'mod negattiv ir-relazzjonijiet internazzjonali, is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali.

(b) fit-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-aċċess pubbliku għas-settijiet u s-servizzi ta' data ġeografika fejn tali aċċess jista' jaffettwa ħażin kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin.”;

- (8) L-Artikoli 14 sa 15 jitħassru.
- (9) L-Artikolu 16 jitħassar.
- (10) L-Artikolu 17 jitħassar.
- (11) L-Artikolu 21 jitħassar.
- (12) L-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 22a

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemija fl-Artikolu 4(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [Nota għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 4(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4(7) għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni, la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dawk l-atti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-

Kummissjoni li ma humiex se joġġezżjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

“Artikolu 22b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”;

(13) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 23

Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn 6 snin wara [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, u tal-implimentazzjoni tagħha, u tagħmilha disponibbli għall-pubbliku. Dik l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, *inter alia*, fuq l-elementi li ġejjin:

- (a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;
- (b) Il-metadata tas-sett ta' data ta' valur għoli tal-Istati Membri miġbura mill-portal Ewropew tad-data (data.europa.eu);
- (c) data xjentifika u analitika rilevanti meħtieġa abbażi tal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, b'mod partikolari billi wieħed jibbaża fuq proċessi effiċjenti u effettivi ta' ġestjoni tal-informazzjoni.”.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw sa [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data 12-il xahar u jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-applikazzjoni tal-Artikolu 1, il-punti (5), (9), (10) u (11), għandha tibda tapplika mill-[1 ta' Marzu 2027].

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	30
4.2.	Data	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-UE.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ambjent

Networks tal-Komunikazzjoni, Kontenut u Teknoloġija

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

L-objettivi ġenerali li din il-proposta leġiżlattiva għandha fil-mira tagħha huma li jiġu ssimplifikati u modernizzati ċerti elementi tad-Direttiva 2007/2/KE sabiex jittaffa l-piż fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-servizzi tan-network, l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tad-data. Billi tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità assoċjati mar-rekwiżiti tekniċi u ta' rapportar, din il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-proporzjonalità tal-qafas, filwaqt li żżomm l-objettiv li tagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet pubbliċi, għan-negozji u għaċ-ċittadini biex jaċċessaw u jużaw mill-ġdid id-data ġeospazjali ambjentali.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettivi speċifiċi tal-emendi proposti għad-Direttiva 2007/2/KE inklużi f'din il-proposta għandhom l-għan li jiksbu r-riżultati li ġejjin:

- Ineħħu l-obbligu għall-Kummissjoni li tistabbilixxi u topera ġeoportal INSPIRE.
- Jallinjaw l-obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-użu tal-infrastrutturi tagħhom għall-informazzjoni ġeografika mal-obbligu ta' rapportar għal settijiet tad-data ta' valur għoli stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 tat-21 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi lista ta' settijiet tad-data speċifiċi ta' valur għoli u l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni u għall-użu mill-ġdid tagħhom.
- Jallinjaw mar-Regolament (UE) 2024/903 fir-rigward tal-interoperabbiltà.
- Jallinjaw ir-rekwiżiti għall-istabbiliment u għall-manteniment tas-Servizzi tan-Network mal-obbligi għall-APIs fid-Direttiva (UE) 2019/1024.

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-emendi proposti se jkunu ta' benefiċċju għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-fornituri tad-data tas-settur pubbliku, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, in-negozji, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-SMEs, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-fornituri tad-data tas-settur pubbliku se jaraw tnaqqis fil-piż amministrattiv u konformità simplifikata, filwaqt li n-negozji u l-utenti tad-data se

jgawdu minn aċċess imtejjeb għal data ambjentali ta' valur għoli permezz ta' liċenzjar miftuħ u interfaċċi moderni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs, application programming interfaces). Qiegħed jiġi propost perjodu ta' traspożizzjoni ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar biex jippermetti lill-Istati Membri jadattaw l-infrastrutturi tagħhom u jżommu l-kontinwità tas-servizz matul il-migrazzjoni għall-qafas il-ġdid. L-iffrankar ikkombinat tal-kostijiet tal-UE mill-emendi proposti huwa mistenni li jkun sostanzjali. Il-kostijiet bażi annwali għall-implimentazzjoni ta' INSPIRE fl-EU-27 huma stmati għal EUR 4,967–48,926 miljun. Il-miżuri proposti huma mistennija li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'24–64 % meta mqabbla mal-linja bażi kurrenti. Il-livell inferjuri ta' 24 % jirrifletti l-istimi aktar konservattivi derivati mill-feedback tal-partijiet ikkonċernati matul il-workshop ta' validazzjoni, li kopra valutazzjoni immedjata u pragmatika tal-impatt potenzjali. B'kuntrast ma' dan, il-livell superjuri ta' 64 % jikkorrispondi għat-tnaqqis fil-kostijiet identifikat permezz tax-xenarju ta' allinjament sħiħ mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa (ODD, Open Data Directive), abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt aktar sistematika u espliċita. Flimkien, dawn iż-żewġ valutazzjonijiet jitqiesu li jirrappreżentaw il-firxa realistika ta' ffrankar mistenni mill-miżuri kkombinati, b'mod partikolari dawk marbuta mal-aġġornament annwali tas-settijiet tad-data armonizzati u mal-operat tas-servizzi tal-pubblikazzjoni u tal-web. Dan jissarraf f'iffrankar annwali ta' madwar EUR 6,36–16,96 miljun, abbażi tal-komponent tal-kost annwali medju għall-aġġornament u għall-manteniment ta' settijiet ta' data u servizzi taħt INSPIRE. Bħala medja fil-medda proġettata, dan jikkorrispondi għal tnaqqis annwali tal-kostijiet amministrattivi ta' madwar 44 %, jew madwar EUR 12-il miljun f'iffrankar annwali. Dan l-iffrankar jinkiseb bit-tneħħija tar-rekwiżiti kumplessi ta' armonizzazzjoni, bl-ingranaġġ ta' teknoloġiji ġenerali tal-web, u bil-konsolidazzjoni tal-infrastruttura.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Sabiex timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi speċifiċi tal-proposta, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li torganizza skambji mal-Istati Membri f'formati differenti kif ukoll stħarriġ perjodiku tas-settijiet tad-data ta' INSPIRE li qed isiru disponibbli permezz tal-portal tad-data miftuħa tal-UE (data.europa.eu) kif ukoll tar-rapportar mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁸
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

B'din il-proposta, il-Kummissjoni tipproponi Direttiva li temenda għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/2/KE. Ladarba l-koleġiżlaturi jkunu laħqu ftehim

⁴⁸

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

dwar il-kontenut tal-proposta, l-Istati Membri se jkollhom ċertu perjodu ta' żmien biex jittrasponu l-emendi introdotti minn din id-Direttiva fid-dritt nazżjonali tagħhom.

Sabiex timmonitorja l-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi speċifiċi tal-proposta, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li torganizza skambji mal-Istati Membri f'formati differenti kif ukoll sħarriġ perġodiku tas-settijiet tad-data ta' INSPIRE li qed isiru disponibbli fuq il-portal tad-data miftuħa kif ukoll tar-rapportar mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Id-Direttiva 2007/2/KE diġà tirregola l-istabbiliment ta' Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-Unjoni (INSPIRE), bl-oġġettiv li tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ambjentali fost l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u ttejjeb l-aċċess pubbliku għad-data ġeografika madwar l-Ewropa. B'reazzjoni għat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tad-Direttiva INSPIRE, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi stabbilit approċċ aktar simplifikat u prijoritizzat għall-kondiviżjoni ta' data ġeospazjali biex jitnaqqas il-piż minn fuq l-Istati Membri, filwaqt li jitqies il-fatt li t-teknoloġija u l-prattiki tal-ġestjoni tad-data evolwew.

Id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-infurmazzjoni tas-settur pubbliku billi tagħmel id-data disponibbli f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni li jikkorrispondu għall-oġġettivi tad-Direttiva INSPIRE biex ittejjeb l-aċċessibbiltà tad-data u l-interoperabbiltà. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar is-Settijiet ta' Data ta' Valur Għoli jiżgura li s-settijiet ta' data b'benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti jsiru disponibbli mingħajr ħlas, u dan jista' jgħin biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tad-data ambjentali. Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar is-Settijiet ta' Data ta' Valur Għoli, diġà ttieħdu l-ewwel passi biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jagħmlu l-aktar settijiet ta' data siewja miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku disponibbli b'mod miftuħ. Dan jinkludi settijiet ta' data li jkopru kważi t-temi kollha tad-data stabbiliti fid-Direttiva INSPIRE.

Regoli komuni dwar il-kondiviżjoni tad-data ambjentali jsaħħu l-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, bil-għan li jiġi stabbilit xenarju tad-data aktar koeżiv li jippromwovi l-prinċipju ta' darba biss u jiżgura li d-data ambjentali jkollha rwol aktar integrali fis-suq uniku diġitali tal-UE, xi ħaġa li tkun diffiċli li tinkiseb mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

M/A

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

M/A

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

M/A

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

durata limitata

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁴⁹

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
